ARTS COUNCIL MALTA

# L-ISTAT TAL-ARTI

## IS-SIMPOŻJU NAZZJONALI TA' MALTA 2024

# IT-TIĠDID TA' PASSAĠĠI KOMUNI

24 & 25 TA' OTTUBRU 2024
UNIVERSITÀ TA' MALTA - KAMPUS TAL-BELT VALLETTA

**L-Istat tal-Arti - Is-Simpożju Nazzjonali ta' Malta** se jirritorna Ottubru li ġej bit-tielet edizzjoni tiegħu u, hekk kif inħarsu lura u nirriflettu b'mod kritiku fuq dak li nkiseb fl-edizzjonijiet tal-passat, aħna nixtiequ ***nġeddu l-passaġġi komuni tagħna*** billi nadottaw approċċ hands-on li jirrivolvi madwar is-soluzzjonijiet.

L-għan tas-simpożju huwa li joħloq spazju sigur li jista' jfassal mill-ġdid sforzi individwali u kollettivi, u li jwassal għal settur artistiku u kulturali aktar b'saħħtu. Aktar kmieni din is-sena, il-Kunsill Malti għall-Arti ppubblika post fuq il-mezzi tal-midja soċjali tiegħu fejn stieden lill-pubbliku biex jaqsam il-ħsibijiet tiegħu fuq liema temi jaħseb li huma urġenti u kruċjali biex jiġu diskussa fis-Simpożju. Dan informa u ispira l-kontenut tematiku u l-iżvilupp tal-programm tas-Simpożju.

Fit-tfassil u l-organizzazzjoni ta' proċessi kreattivi u kulturali:

- ## Kif nistgħu nittrasformaw lilna nfusna bħala individwi sabiex nittrasformaw is-sistema aktar wiesgħa?

- ## Kif tista' s-sistema trasformata tittrasforma r-realtajiet individwali tagħna?

Li wieħed jagħmel affarijiet ma' oħrajn u jirrikonoxxi l-interdependenza tagħna huwa prattika ta' commoning. *

Il-commons qegħdin madwarna lkoll, ifassal ħajjitna fis-skiet. Dawn l-assi tanġibbli u intanġibbli jeżistu fl-akkwati Maltin tagħna, fi bliet Mediterranji, u f'kuntesti aktar wiesgħa Ewropej u internazzjonali. Imma dawn x'inhuma eżatti? Il-commons huma r-riżorsi naturali, kulturali, u soċjali li jinżammu komunament minn komunità u li huma aċċessibbli għall-membri kollha tas-soċjetà u li jappoġġjaw il-kwalità tal-ħajja. Eżempji prattiċi tal-commons jinkludu: l-arja, foresti, xmajjar, il-baħar, u d-Dinja li ngħixu fiha; parks lokali u ġonna komunitarji; lingwa lokali u għarfien komuni; kontenut iġġenerat mill-utenti fuq l-internet u open-source software; moviment artistiku u arti pubblika; is-sigurtà u l-ġustizzja.

Ġieli l-fehim u l-involviment tal-commons joħroġ minn koperazzjoni, u ġieli minn kunflitt. Fil-qalba tiegħu, il-commoning jibbenefika lis-soċjetà fl-intier tagħha, u jittraxxendi interessi individwali, settorjali, u ġenerazzjonali, u jirrikonoxxi li l-pjaneta tad-Dinja mhijiex biss teżor komuni, iżda, aktar minn hekk, ko-attur ugwali. Il-kunċett tal-commoning jistedinna biex naġixxu bħala ċittadini b'rabtiet soċjali interkonnessi. Madankollu, fil-pajsaġġ politiku kontemporanju, ix-xettiċiżmu jiddomina. Il-libertà individwali fi swieq privati ħafna drabi tostor l-irwol taċ-ċittadini li jservu, jinvolvu ruħhom ma', u li jgħaddu l-commons f'kundizzjoni tajba—responsabbiltà li tissejjaħ commoning.

* Prattika ta' kollaborazzjoni u skambji sabiex wieħed jilħaq mal-bżonnijiet ta' kuljum u jforni l-benesseri ta' individwi, komunitajiet, u ambjenti li fihom jgħixu n-nies.

L-arti u l-kultura jipprovdu għodda biex bihom toħlom u timmaġina mill-ġdid mogħdijiet ta' kif tagħmel u kif tkun, u b'hekk tippermetti lil individwi biex jibnu rabtiet u jaqsmu flimkien. Kif tista' l-arti u l-kultura żżomm dak li hu komuni ħaj u kif jista' l-commoning jsostni l-arti u l-kultura? Hekk kif ispirat mill-ħsibijiet tal-pubbliku maqsuma aktar kmieni dis-sena, is-Simpożju għandu l-għan li jinterroga u jiddibatti fuq:

- **Kif tista' prattika ta' commoning issostni l-istatus soċjoekonomiku u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-kreattivi?**
- **Kif jistgħu l-proċessi ta' commoning jisfidaw l-istrutturi limitanti u finanzjament tal-arti limitat attwali?**
- **Kif jistgħu spazji u infrastruttura jsiru aktar disponibbli, aċċessibbli, u affordabbli permezz ta' prattiċi ta' commoning?**
- **Kif jistgħu valuri komuni u etika ta' kura jiftħu l-aċċess għal grupp aktar wiesa' ta' prattikanti bi bżonnijiet u esperjenzi differenti, biex b'hekk iwasslu għal ekwità aħjar?**
- **Kif jista' l-proċess ta' commoning jipprovdi varjetà usa' ta' forom ta' arti u prattiċi, u li huma relevanti għal udjenzi diversi?**
- **Kif tista' l-prattika ta' commoning tgħaqqad u tikkonsolida sforzi lejn l-iżvilupp ta' tagħlim formali u mhux formali?**